MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' April, 2006

Avviz Numru. 549/2005

**Galea Insurance Brokers Limited**

**vs**

**Michael Delia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u tlett Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM2903.28,0), rapprezentanti valur ta' poloz ta' assikurazzjoni li l-konvenut ordna minghand is-socjeta' attrici;

2. Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali pprezentata nhar l-4 ta’ Awissu tas-sena 2005 u bl-imghax mid-data ta’ l-istess sad-data tal-hlas relattiv;

3. Illi l-konvenut gie mharrek ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ riduzzjoni datata d-29 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba kontenuta fl-avviz fuq indikat ghall-ammont ta’ elfejn, erba’ mija u tmien Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM2,408.28,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Innotat li l-konvenut mhux biss baqa’ kontumaci, ghalkemm debitament notifika, (ara fol 6), izda baqa’ ma ressaq l-ebda prova nonostante li kellu l-opportunita’ ghal dan;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-konvenut kien assigura vettura tal-marka Renault u bin-numru ta’ registrazzjoni JOE – 100u li assigura wkoll il-merkanzija minnha migjuba Malta bil-bahar mill-Ewropa fil-kapacita’ tieghu ta’ burdnar;

Illi meta gie debitament mitlub biex ihallas ghall-poloz minnu sottratti, jirrizulta li hallas xi akkont izda xi pagamenti li effettwa tramite cekkijiet ma ssarfux ghaliex ibbounsjaw, 9ara Dok RG 1);

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Michael delia hu moruz lejn is-socjeta’ attrici Galea Insurance Brokers Limited fl-ammont ta’ elfejn erba’ mija u tmien Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM2,408.28,0);

2. Tikkundanna lill-konvenut Michael Delia biex ihallas lis-socjeta’ attrici galea Insurance borkers Limited l-ammont ta’ elfejn erba’ mija u tmien Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM2,408.28,0), rapprezentanti valur ta’ poloz ta’ assikurazzjoni li l-konvenut ordna min ghand l-istess socjeta’ attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mill-4 ta’ Awissu tas-sena 2005.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------